## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 8 ta' Awissu, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.50pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 7.30pm |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |
| Skużat: | Reno Chircop | - | Kunsillier |

### AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 25
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Stedina Republika Ċeka
(4) Rapport Finanzjarju April – Ġunju 2006
(5) Rapport Studenti Cassino
(6) Bust Vitorin Galea
(7) Jum Dinji ta' l-Ikel
(8) Xogħolijiet madwar l-Isla
(9) Devoluzzjoni Shelters
(10) Gazetta tal-Kunsill
(11) Website tal-Kunsill
(12) Cameras madwar l-Isla
(13) Approvazzjoni Pagamenti

## 25 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku ressaq sospensjoni ta' regolament biex il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel (nru. 24) jiġu ippreżentati u approvati fil-laqgħa nru. 26

Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 25 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

### 25.(2) 1 **Website tal-Kumitat Konġunt Kottonera (18 ta' Lulju 2006)**

Beda jinġibed filmat fil-lokal li sejjer jifforma parti minn din il-Website. Il-Kunsillier Reno Chircop kien ġie inkarigat biex jagħmel liason.

### 25.(2) 2 **Attivita' Grupp Gwardjola (21 Lulju 2006)**

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden għal din l-attivita' li saret fil-Ġnien tal-Gardjola u għamel diskors għall-okkażżjoni. Huwa esprima il-fatt li dan il-Kunsill minn dejjem kien favur ħidma favur dawk li għandhom bżonnijiet speċjali. Huwa faħħar il-ħidma ta' din l-għaqda.

### 25.(2) 3 **Żjara mill-Acting Mayor ta' Baarn, Olanda (21 ta' Lulju 2006)**

Is-Sur Wim Lieberwerth li kien akkumpanjat mis-Sinjura tiegħu għal btala f'Malta, żar lis-Sindku Joseph Casha fl-Isla. Dan sar bħala riżultat tal-kuntatti li hemm bejn iż-żewġ ibliet fil-proġett Eshcer Foundation. (Ittra mill-Fundazzjoni M.C. Escher mehmuża). Huwa kien mistieden wkoll flimkien mas-Sindku Joseph Casha għal attivita' imtella' mill-Grupp Gwardjola.

### 25.(2). 4 **Programm fix-Xatt mill-Kumpanija 'Where's Everybody' (25 ta' Lulju 2006)**

Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-kumpanija xtaqet ixxandar programm live (Mill-Pjazza tar-Raħal) fin-nofs tax-Xatt. (28 ta' Lulju 2006)

Saret laqgħa fil-Kunsill ma rappreżentanti ta' Where's Everybody u ma l-owners tal-kiosks u ħwienet fix-Xatt u ma l-Għaqda tal-Barklori billi kien hemm il-ħsieb li il-palk jintrema fuq barkun biswit ix-Xatt.

Saret spezzjoni fuq il-post.

Billi is-Sindku kellu jkun msiefer il-ġimgħa ta' wara informa lis-Segretarju Eżekuttiv biex ma japprovax il-permess sakemm ma jkunx hemm qbil minn kulħadd.
Wara li sar aktar stħarriġ, din l-attivita' saret aktar il-ġewwa fix-Xatt fil-wesgħa ta' quddiem Dar Sant' Anna wara li saru il-permessi meħtieġa u ġew osservati il-kundizzjonijiet proposti mill-Kunsill (kopja mehmuża).

25 (2) 5 **Global Capital (26 ta' Lulju 2006)**

Saret laqgħa ma rappreżentant ta' din il-kumpanija fl-uffiċju tal-Kunsill biex isir magħruf kif dawn jistgħu joffru għajnuna f'attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sur Oliver Ellul ippropona li il-Kumpanija tiegħu tista' tgħin f'Senglea Fest li il-Kunsill jorganizza minn sena għal oħra.

25 (2) 6 **Żjara ta' Ċittadini – mawra uffiċjali f'Cassino u f'Abruzzo ( 23 – 27 ta' Lulju 2006)**

Fuq inizjattiva personali tas-Sindku, grupp ta' ċittadini mill-lokal ta' l-Isla għamlu żjara fil-belt ta' Cassino, Scanno, Opi u Anversa degli Abruzzi.

Iċ-ċittadini li attendew kienu sodisfatti bl-attivitajiet li saru u bil-mawra kollha. (Rapport dettaljat mis-Sindku mehmuż).

25 (2) 7 **Rotot tal-Linja mill-Isla (Sptar San Luqa)**

Wara talba li kienet saret mill-Kunsill , is-Sindku informa lill-Kunsill li b'effett immedjat sejjer jibda' jkun hemm rotta żejda għall-isptar (Isla – Sptar – Belt) fis-6.00am barra dik tas-2.30pm. Dan is-servizz huwa maħsub bejn it-Tnejn u il-Ġimgħa.

Barra dan ir-rotta 300 sejra tkun barra il-Maċina biex jonqsu il-karozzi tal-linja żejda fil-venda.

25 (2) 8 **Problema ta' parking fi Triq iż-Żewġ Mini K/m Triq San Ġiljan fejn hemm il-Knisja**

Qed isiru lmenti li bil-yellow lines li saru naqas li spazju għal parking u li dan ħoloq problema kbira speċjalment fejn tidjieq it-triq minħabba il-bankina.

Fil-fehma ta' dan ir-resident, dawn il-yellow lines saru għal xejn ħlief biex jaġevolaw il-ħwienet li hemm f'din it-triq.

Is-Sindku kien tal-fehma li jieħu parir ta' l-ADT dwar jekk hemmx irregolarita' fl-implimentazzjoni ta' dawn il-yellow lines.

25 (2) 9 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta mit-8 ta' Lulju – 8 ta' Awissu 2006**

**04/1384/06 Laqgħa għal Anzjani – Lion Club – Memo 19/06**

Il-Kunsill qed iħejji għal din il-laqgħa biex issir fis-16 ta' Awissu 2006

**04/1385/06 Med Urbs - ħlas dovut lill-Kunsill**

Ittra mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lill-Kunsill Lokali Bormla. Wara kuntatti li sar mas-Sindku Joseph Casha ġie mwiegħed li dawn sejrin jitħallsu ma jdumux.

**04/1386/06 Brand Malta MTA**

Il-Kunsill ġie mgħarraf b'din il-kampanja li qed issir mill-MTA.

**04/1394/06 Talba għal linji sofor**

L-Onor. Chris Agius MP talab biex isiru yellow lines f'isem resident f'Isla.

**04/1410/06/ Kummissjoni Ingliża f'Malta (Żjara H.M.S. Illustrious)**

Il-Kummissjoni uriet id-diżappunt tagħha li l-affarijiet li kellhom isiru għal wasla ta' l-H.M.S. Illustrious f'Malta tħassru.

**04/1442/06 Talba mis-Soċjeta' Filarmonica 'La Vincitrice'.**

Il-Kunsill approva it-talba ta' din l-għaqda mużikali biex jintrama il-planċier fi pjazza 4 ta' Settembru kif mitlub minnhom.

**04/1444/06 Tweġiba għal Managment Letter ta' l-Awditur – Rapport Finanzjarju 2005/06**

Din it-tweġiba tlestiet u ġew mniżżla l-kummenti tas-Sindku. Is-Sindku huwa tal-fehma li ma jibgħatx it-tweġiba tiegħu qabel jagħmel laqgħa ma l-Awditur biex jiċċara xi punti imressqa mill-Awditur.

**04/1445/06/I Radju RTK – Okkażżjoni tal-festa**

Is-Sindku Joseph Casha ġie mistieden biex jitkellem minn fuq iz-zuntier fl-okażżjoni tal-festa, nhar is-7 ta' Settembru fit-8.30pm

**04/1449/06/I Proġett Sajfmana 2006 – Fondazzjoni Ġuże' Ellul Mercer.**

Dan il-proġett li hu immirat għat-tfal minn 5 sa 10 snin fejn ser isiru attivitajiet ta' logħob, tpinġija, qari, u reċtar. Sejjer isir darba fil-ġimgħa nhar ta' ġimgħa bejn is-6.00pm u is-7.30pm bejn is-17 ta' Awissu sa Settembru

2006. Dan sejjer iqum Lm150

Nota : **Il-Kunsillier Louis Henwood daħal għal laqgħa tal-Kunsill fis-7.35pm**

**04/1451/06/I Qualicities – Accounting Report**

Biex jintbagħat l-aħħar accounts li huma meħtieġa sa l-14 ta' Awissu 2006 fl-indirizz indikat mill-Awdituri ta' dan il-proġett. Dan saru u sejjrin jintbagħtu minnufih.

**04/1460/06/I Annual Budget 2006/2007**

Soft Copy ta' dan intbagħtet lid-Dipartiment għal Kunsilli Lokali kif kien mitlub (26 ta' Lulju 2006)

**04/1466/06/I Wireless Internet Govt. Initiative**

Il-Kunsill approva li jiffirma dan il-kuntratt biex jiġi ntrodott dan is-servizz fl-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju tal-Kunsill.

**04/1467/06/I Talba għar-riabilitazzjoni ta' mħażen fl-Isla.**

Is-Sur Ray Bondin aċċetta it-talba ta' l-Onor. Dr. Stefan Buontempo biex jiltaqgħa miegħu dwar maħżen nru 3 li jinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna.

**04/1469/06/I Talba għal Sleeping Police**

Biex issir sleeping Policeman f'Two □i nit□r. k/m Old Prison Str.

Il-Kunsill qabel li jikteb lill-ADT għal parir.

**04/1477/06/I Ċaqliq ta' Reserved Parking (Lotto Receivers Union)**

Talba biex isir ċaqliq ta' Reserved Parking tal-Banka tal-Lottu tal-Pjazza San Filuppu. Il-Kunsill sejjer jara l-obbligi tiegħu x'inhuma qabel jiddeċiedi fuq □i nit-talba.

**04/1478/06/I AKL CIR 38/2006**

Biex il-Kunsill jkun konformi mal-ftehim li hemm dwar il-ħlasijiet ta' Lm8 għal Performing Rights Society Ltd.

**04/1487/06/I Local Insurance Scheme ( Public Liability)**

Talba mill-KDM Insurance Broker biex issir laqgħa biex isir laqgħa magħhom.

**04/1488/06/I Attivitajiet fi Ġnien il-Gardjola (Senglea Athletics F.C.)**

Il-Kunsill approva it-talba tas-Senglea Athletics F.C. biex jużaw il-Gardjola nhar il-11 ta' Awissu 2006 għal attivita' ta' l-istaġun 2006/2007

**04/1489/06/I Attivita' fil-Gardjola EU Conference (4 ta' Lulju 2006)**

Talba mill-EU Parliament biex issir ikla fil-għaxija f'dan il-ġnien għal madwar 400 – 500 delegat li sejjer jkun għal konferenza f'Malta bejn l-4 u is-6 ta' Lulju 2007

Il-Kunsill qed jistħarreġ il-possibilita' minħabba fl-ispazju għal seatings.

**04/1500/06/I Ħaddiema IPSL**

Ittra mill-kumpanija Kalaxlokk lil Kunsill kollu biex il-ħaddiema IPSL assenjati mal-Kunsill jiġu utilizzati sewwa u il-ħin kollu

Il-Kunsill sejjer jafferma dan b'ittra

**04/1512/06/I 5 a side football pitch**

Talba mill-Mepa biex il-perit f'isem il-Kunsill jibgħat aktar tagħrif dwar fixtures and furnitures li huma meħtieġa għal operazjoni ta' dan il-pitch.

**04/1513/06/I Talba għal dawl ġdid fi Triq San Ġużepp**

Għat-talba li għamel il-Kunsill, l-Enemalta nfurmatna li dan id-dawl diġa jeżisti u ma hemmx bżonn ta' aktar dawl.

Is-Sindku sejjer jitlob lil Enemalta biex issir site inspection fil-għaxija għax il-Kunsill mhux qed jaqbel ma din id-deċiżjoni.

**04/1515/06/I Laqgħat ta' kull xahar (Puluzija)**

Biex isir appuntament ma l-ispettur tad-DIK.

**04/1520/06 KNL – Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ**

Laqgħa li sejra issir fit-12 ta' Awissu 2006 fid-9.30am dwar proġetti ġodda. Is-Sindku Joseph Casha awtorizza lill-Kunsillier Reno Chircop biex jattendi.

**04/1531/06/I Anzjan/Anzjana tas-Sena**

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem għax bi ħsiebu jinnomina aktar anzjani mill-lokal.

**04/1535/06/I Senglea Athletics F.C. – talba għal użu tas-Sala fit-tul.**

Il-Kunsill qabel li minħabba in-natura tat-talba tagħhom li qed jitolbu li jużaw is-sala minn Ottubru 2006 sa Mejju 2007 jkun aħjar li ssir laqgħa apposta biex tiġi diskussa din it-talba.

**04/1536/06/I Talba għall-użu tas-Sala**

Il-Kunsill approva it-talba ta' Kate Bonello biex tuża is-Sala nhar il-5 ta' Settembru 2006 bejn il-5.00pm u 11.00pm.

**04/1539/06/I Talba mill-iskrivan Matthew Vella**

Il-Kunsill iddiskuta it-talba ta' żieda fil-ħlas tar-rata ta' kull siegħa (kopja mehmuża)

Il-Kunsill sejjer iressaq din it-talba fil-Kumitat tal-Finanzi għal aktar diskussjoni.

**04/1541/06/I Stedina lill-Kunsill mill-Arċipriet**
**04/1542/06/I Stedina għal quddies speċjali**

L-Erbgħa 30 ta' Awwissu 2006, fis-6.00pm. Wara issir bibita.

**04/1543/06/I Talba biex tiġi rranġata ħsara fi Triq il-Ħabs l-Antik**

It-talba tar-resident ġiet innutata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Billi din it-triq ma kienitx fil-lista ta' toroq li jridu jiġu rranġati, il-Kunsill iddeċieda li jitlob stima tax-xogħolijiet li hemm bżonn u jieħu il-passi meħtieġa.

## 25 (3) Stedina mill-Belt Karlovy Vary (Repubblika Ċeka)

Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara diskussjonijiet li saru mal-Konslu f'Malta tar-Repubblika Ċeka, saru kuntatti mal-belt ta' Karlovy Vary bil-ħsieb li ssir proġett bejn iż-żewġ naħat.

Din il-belt hija ġemellata mill-Belt ta' Cassino li hija ġemellata ma l-Isla.

Għalkemm wrew ix-xewqa li jsiru kuntatti u saret stedina biex is-Sindku jżur din il-belt bil-ħsieb li jinfetħu taħdidiet għal ġejjieni ( kopja ta' l-ittra mehmuża).

## 25 (4) Rapport Finanzjarju April – Ġunju 2006

Il-Kunsill ġie preżentat bir-rapport finanzjarju l-ewwel kwart (Apr/Jun 2006) ta' din is-sena finanzjarja.

Dan ir-rapport ġie mfisser lill-Kunsill u l-accountant tal-Kunsill kienet preżenti għal din il-parti tal-laqgħa u wieġbet għal mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera.

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, il-Kunsill approva dan ir-rapport kif kien preżentat.

## 25 (5) Rapport Żgħażagħ mill-Isla f'Cassino

Is-Sindku Joseph Casha qara rapport qasir dwar iż-żjara ta' tnax il-żgħażugħ u żgħażugħa li kienu il-mistednin tal-belt ta' Cassino għal 10 ijiem bil-għan li jistudjaw il-lingwa taljana.

Dan sar bi skambju ta' żgħażagħ minn Cassino li ġew Malta biex jistudjaw l-Ingliż fuq stedina tal-Kunsill ta' l-Isla. (Rapport mehmuż)

## 25 (6) Bust Vitorin Galea (Ċerimonja u Kxif tal-Bust)

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li għandu konflitt ta' interess u għaldaqstant skuża ruħu minn din il-parti tal-laqgħa u ħareġ il-barra mill-laqgħa. Mexxa il-Viċi Sindku Walter Ahar.

Il-Kunsill qabel mal-proposti ta' kif għanda issir iċ-ċerimonja u il-kxif tal-bust kif propost mis-Sinjura Norma Cristina (kopja ta' l-ittra mehmuża).

Il-Kunsill ma qabilx li l-inviti joħorġu f'isem il-Kunsill iżda f'isem il-familja ta' Vitorin Galea għax din hija cerimonja ta' attivita' personali u privata.

Għaldaqstant sar qbil biex il-familja Cristina tiġi mgħarfa b'dan biex l-istediniet joħorġu f'isimhom (kopja ta' l-invit mehmuż)

25 (6) 1 Ittra mill-Bronk Productions (04/1534/06/I) – (04/1539/06/I – Talba għall-użu tas-Sala.

Fl-assenza tas-Sindku Joseph Casha, il-Kunsill iddiskuta din it-talba. Wara diskussjoni fit-tul u wara li ġie evolut dak li kien hemm fl-ittra, fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva din il-mozzjoni.

'Minn issa il-quddiem għanda tintalab donazzjoni equivalenti ta' mhux anqas minn Lm50 għal talba għal użu tal-propjeta' tal-lokalita'. Il-valur jista' jkun aktar dejjem skond it-talba li ssir.

Approvata nem com minn Walter Ahar Viċi Sindku, Charmaine Gerada Kunsillier u Louis Henwood Kunsillier.

Il-Kunsill qabel ukoll fuq il-kontenut ta' l-ittra li kellha tintbagħat lill-Bronk Productions. (04/1564/06/O)

## 25 (7) Jum Dinji ta' l-Ikel fl-Isla (15 ta' Ottubru 2006)

Is-Sindku Joseph Casha attenda għat-tieni laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 4 ta' Awissu 2006 bi tħejjija għal din l-attivita'.

Waqt din il-laqgħa ġie preżentat draft programme (kopja mehmuża) għal din il-ġurnata u saret diskussjoni ta x'hemm bżonn isir.

Lista ta' punti mqajjma hija mehmuża ma dawn il-minuti.

## 25 (8) Xogħol madwar l-Isla (Road Markings)

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li talab tlett kwotazzjonijiet differenti biex isiru Road Markings mil-Mina ta' l-Isla sa ħdejn il-Venda tal-karozzi.

Kien jidher li l-irħas waħda kienet dik ta' Silvar Constructions. Din kienet ta' 50 ċenteżmu il-metru għal double line u 31 ċenteżmu għal single line.

Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni u Silvar Constructions kellu jiġi infurmat minnufih biex ix-xogħol isir qabel il-Festa ta' Marija Bambina.

## 25 (9) Devoluzzjoni Shelters (korrispondenza 04/1437/06)

Il-Kunsill irċieva mid-Dipartiment il-Module li għandu jintuża biex issir applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' shelters.

Il-Kunsill qabel li issir applikazzjoni biex ix-shelter li jagħti għal Ponta jiġi devolut lill-Kunsill.

## 25 (10) Gazzetta tal-Kunsill

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill kien tal-fehma li jkun aktar vijabli li flok gazzetta, il-Kunsill joħroġ kalendarju bħas-snin ta' qabel. Għaldaqstant għandu jibda jsir ix-xogħol fuq dan il-kalendarju għas-sena 2007.

## 25 (11) Website tal-Kunsill

Il-Kunsill innota li din il-website ma tinsabx up to date u hem mil-ħtieġa li jiġi irranġat xi ħaġa sabiex din tiġi aġġornata kontinwament.

Minħabba pressjoni ta' xogħol u minħabba li dan jitlob impenn, il-Kunsill qabel li persuna mill-istaff jinżamm wara il-ħin tax-xogħol u jagħmel l-aġġornament meħtieġ biex din il-website tkun up to date il-ħin kollu.

## 25 (12) Cameras madwar l-Isla

Wara li reġa ġie infurmat bil-proposti ta' Central Security Service Ltd., il-Kunsill qabel li jitlob kwotazzjoni għal stallazzjoni fl-Isla ta' 10 cameras kif suġġerit mill-Kunsill. (Lista mehmuża).

Għanda tintbagħat pjanta ta' l-Isla to scale biex issir technical study ta' dawn il-postijiet qabel tittieħed deċiżjoni finali.

## 25 (13) Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm11,644.20 (Lm6,154.38 + Lm5,489.82)

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet għal ħabta ta' l-10.25pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Romina Perici Ferrante
Deputat Segretarja Eżekuttiva

## Scanno – Opi – Anversa degli Abruzzi

Għaxart ijiem wara saret ġita fuq bażi private għal ċittadini Sengleani fejn żaru Cassino, Opi, Scanno u Anversa degli Abruzzi.

Kienet ġita kumplimentuża ħafna fejn wkoll ġew stmati tajjeb ħafna mill-erba' pajjiżi.

Fuq stedina tal-Kunsill, is-Sinjorina Monica Formosa kienet akkumpanjatriċi mal-grupp. Fil-fatt il-Kunsill ħareġ l-ispejjeż tagħha biss.

Din il-ġita nista' ngħid li serviet wkoll ta' ftit sigħat diskussjoni bħala xogħol għal kunsill.

Kellna laqgħa ma Luigi Lombardi, Konslu għal Malta u Sqallija fejn tkellem fit-tul fuq l-istorja ta' Malta. Tkellmu wkoll żewġ rappreżentanti tar-Reġjun Abruzzo fejn tkellmu fuq il-Paċi madwar id-dinja, il-progress li qiegħed isir bis-saħħa tal-ġemellaġi – li wieħed jara u iħares lejn il-kultura ta' xulxin biex naraw x'joffru dawn il-bliet bejn Malta u l-Italja.

Fl-aħħar ġurnata saret l-aħħar ikla fejn wara ingħataw xi rigali. Saret wkoll laqgħa bejn l-erba' pajjiżi fejn ġie deċiż dan li ġej:

Opi: Nsaħħu ir-relazzjoni ta' ħbiberija li ġa teżisti bejnietna permezz ta' proġetti li jgħinuna nimxu dejjem aktar il-quddiem.

Dawn it-tip ta' ħbiberiji huma wkoll importanti sabiex inkabbru it-turiżmu u b'hekk anki l-ekonomija.

Tajjeb ukoll li jsiru proġetti għaż-żgħażagħ bħal ma huma jitgħallmu il-lingwi.

Sindku Scanno, Opi, Anversa: L-ewwel punt diskuss kien il-fatt jekk hux kulħadd jaqbel li il-Culture Tracks ma jibqgħux jieħdu ħsieb il-finanzi tal-proġetti. Il-Culture Tracks skond is-Sindku ta' Scanno għandhom jibqgħu jieħdu ħsieb biss fejn tidħol il-kultura u dak kollu li għandu x'jaqsam ma M.C. Escher.

Kulħadd qabel ma dan il-fatt anki minħabba il-fatt li kien hemm xi kwistjonijiet mad-dirigenti tal-Culture Tracks u ma jixtiequx li jkun hemm xi kwistjonijiet bejn is-Sindki tal-ħamest ibliet (Scanno, Opi, Anversa degli Abruzzi, Goriano Sicoli u l-Isla.).

Ser ikun hemm kuntatti ma xi assesuri minn naħa tas-Sindki Taljani sabiex ikunu jistaw jgħatu għajnuna sabiex jintlaħaq proġett fuq bażi sportive għat-2009. Sabiex jintlaħaq dan l-għan irridu nibdew naħdmu fuq proġetti żgħar.